MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2012

Rikors Numru. 688/2012

Fl-Atti tar-Rikors Maħluf Numru 164/12JRM fl-ismijiet:

**JAMAR MALTA LIMITED (C-45236)**

vs

**OFFICE GROUP LIMITED (C-39197)**

għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 609/2012 ippreżentat nhar l-4 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet:

**OFFICE GROUP LIMITED (C-39197)**

vs

**JAMAR MALTA LIMITED (C-45236)**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta’ Lulju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutata Jamar Malta Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutata”) talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru fuq imsemmi maħruġ kontriha mill-kumpannija intimata eżekutanti Office Group Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fl-4 ta’ Mejju, 2012, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallasha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) tal-istess Kodiċi; u (ċ) f’każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ xi waħda mill-imsemmija talbiet, li torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta’ garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista’ tkun imposta jew għall-ħlas tad-danni u mgħax li l-eżekutata tista’ ġġarrab, skond l-artikolu 838A tal-istess Kodiċi, fin-nuqqas ta’ liema ġaranzija l-Mandat jitqies imħassar;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Lulju, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u tatha żmien biex tressaq l-osservazzjonijiet tagħha kif irid l-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fis-27 ta’ Lulju, 2012, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutata billi qalet li ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex, fl-ewwel lok, il-pretensjoni tagħha għall-ħruġ tal-Mandat għall-ħlas tal-penali min-naħa tal-eżekutata toħroġ minn ftehim miktub ta’ appalt li kienu daħlu għalih iż-żewġ partijiet. Fit-tieni lok, ir-raġuni l-oħra mogħtija mill-kumpannija eżekutata dwar l-eżistenza ta’ garanzija oħra xierqa biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-kumpannija eżekutanti m’hijiex waħda tajba għaliex ma hemm l-ebda garanzija oħra tajba. Fit-tielet lok, ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex imissha tkun kundannata tħallas penali lill-kumpannija eżekutata u lanqas li tagħti garanzija taħt l-artikolu 838A;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti eżekutata trid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-kumpannija intimata eżekutanti fl-4 ta' Mejju, 2012. Trid ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallasha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi u kif ukoll li torbotha biex tressaq garanzija tajba skond l-artikolu 838A u, fin-nuqqas, tħassar il-Mandat maħruġ kontriha;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata fl-4 ta' Mejju, 2012, u kien notifikat lil ħames sekwestratarji, ilkoll banek lokali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' ħdax-il elf tmien mija u dsatax-il euro u tlieta u sittin ċenteżmi (€11,819.63)[1] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta l-pretensjonijiet tal-eżekutanti fil-"kontro-talba mressqa mill-esponenti kontestwalment". Il-Mandat intlaqa' dak inhar li tressaq u għalkemm l-eżekutata ma kenitx notifikata, is-sekwestratarji kienu lkoll notifikati fit-8 ta' Mejju[2]. Dak inhar li ntalab il-ħruġ tal-Mandat, l-eżekutanti ressqet it-Tweġiba Maħlufa tagħha għall-kawża miftuħa kontriha mill-eżekutata fi Frar tal-2012[3], u kif ukoll Talba Rikonvenzjonali dwar l-istess kawża. Dak inhar li saret in-notifika tal-mandat, wieħed mis-sekwestratarji għarraf lill-eżekutata li nżammewlha flejjes biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tal-Mandat[4];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li

[1] Mandat 609/12, Dok "A" f'paġġ. 3– 6 tal-atti
[2] Ta' min josserva li r-riferti kollha jindikaw li n-notifika saret fit-8 ta' April, 2012!
[3] Rik. Nru. 164/12JRM
[4] Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti

fuqhom ir-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talbiet tagħha. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata tibni t-talbiet tagħha fuq tliet (3) kawżali:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, r-rikorrenti eżekutata tgħid li din il-garanzija teżisti fil-fatt innifsu li hija tqis lilha nnifisha bħala kreditriċi tal-eżekutanti fil-prezz tax-xogħol li hija għamlet u li tiegħu l-istess eżekutanti naqset li tħallas. Kemm hu hekk, dik il-pretensjoni hija sewwasew il-mertu tat-talba tal-kawża li l-eżekutata fetħet kontra l-eżekutanti;

Illi l-eżekutanti twarrab dan ir-raġunament billi tgħid li mhux biss hija tikkontesta l-pretensjoni tal-eżekutata, iżda talli Mandat li talbet l-istess eżekutata dwar dik il-pretensjoni tħassar mill-Qorti b'degriet ieħor[6]. Minbarra dan, l-eżekutanti żżid tgħid li dak il-fatt, li kieku seta' kien minnu, ma joħloqx każ ta' garanzija alternativa imma, fl-aqwa ipoteżi, raġuni għal tpaċija;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna

[5] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Rik. Nru. 446/12JRM dekretat fil-31.5.2012

ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[7]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[8]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[9]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[10];

Illi, kif ingħad, il-garanzija li l-eżekutata ssemmi tikkonsisti fi pretensjoni li għadha mhix kanoniżżata. Bħalma l-Qorti diġa' iddikjarat li bl-ebda mod ma tista' tqis il-mertu tal-kwestjoni fi proċedura bħal din, hekk ukoll lanqas ma hija sejra tispekula f'dan l-istadju jekk kemm-il darba l-pretensjoni tal-eżekutata kontra l-eżekutanti hijiex waħda tajba jew le. L-eżekutata ma ressqet prova tal-ebda garanzija xierqa oħra;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutata tgħid li mad-daqqa t'għajn il-pretensjoni tal-eżekutanti hija fiergħa, u dan għaliex l-istess eżekutanti qatt ma talbitha tħallasha xi penali. Minbarra dan, l-eżekutata żżid tgħid li xi dewmien li sata' ġara fit-temm tax-xogħol appaltat, kien ħtija tal-istess eżekutanti u minkejja t-tħabrik tal-eżekutata. Dan minbarra l-fatt li, fuq il-lant kienu mdaħħla kuntratturi oħrajn li dewmu r-rata tax-xogħol li bih setgħet

---

[7] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[8] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[9] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[10] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

twettaq dak li tqabbdet tagħmel. Hija tixli lill-eżekutanti li nqdiet bil-pretest tal-Kontro-Talba biex tipprova tagħmlilha ħsara bil-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-eżekutanti twarrab ukoll dan l-argument u tisħaq li l-jedd tagħha li tippretendi l-ħlas tal-penali joħroġ minn ftehim espress li sar bejn il-partijiet fil-ftehim tal-appalt u li kien jipprevedi l-ħlas ta' penali stabilita f'każ ta' dewmien. Hija tqis li, mill-motivazzjoni nnifisha tal-eżekutata fir-rikors tagħha, tara ammissjoni min-naħa tal-istess eżekutata li fil-fatt kien hemm dewmien fit-twettiq tal-appalt u dan huwa biżżejjed biex juri li, mad-daqqa t'għajn il-pretensjonijiet rikonvenzjonali tagħha huma tabilħaqq mistħoqqa;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[12];

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[12] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi bla ma l-Qorti tidħol biex tikkummenta fuq materja li tolqot il-mertu tal-każ, jidher ċar li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija dwar ħlas ta' penali għal dewmien. Fl-atti tal-kawża li l-Mandat iħares il-pretensjonijiet tagħha, l-intimata eżekutanti qiegħda tippretendi l-likwidazzjoni tal-penali, wara li ssir dikjarazzjoni li l-eżekutata damet biex temmet l-appalt mogħti lilha. Fl-istess ftehim kienet stabilita wkoll data partikolari li fiha x-xogħol kellu jitlesta. Meta wieħed iqis dik id-data, jgħodd magħha kemm kienet ir-rata miftehma ta' penali ta' kuljum għandu jsib li s-somma mitluba taqa' fil-kejl xieraq tal-pretensjoni tal-eżekutanti. Mela, jekk ma' dawn wieħed iqis li l-istess pretensjoni kienet maħsuba mill-partijiet sa minn dak inhar li ngħata l-appalt, wieħed jasal biex jara li l-ammont imsemmi fil-Mandat la huwa eċċessiv u lanqas inġustifikat;

Illi l-fatt li qabel ma nħareġ il-Mandat ma saritx talba min-naħa tal-eżekutanti, ma jidhirx li huwa raġuni għat-tħassir tal-Mandat, għalkemm jista' jkun raġuni għall-sanzjoni oħra maħsuba fl-artikolu 836 dwar il-ħlas ta' penali;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutata tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel mill-eżekutata;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[13].

[13] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[14]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi ladarba l-eżekutata ma ssemmi l-ebda raġuni oħra li tista' twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi tat-talba tagħha, l-Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[15] u kif ukoll ir-rimedju tal-għoti tal-garanzija[16];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[17], iżda

---

[14] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[15] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[16] Taħt l-art 838A tal-Kap 16
[17] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[18]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[19];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti ssemmi speċifikatament iċ-ċirkostanza tan-nuqqas ta' interpellazzjoni qabel il-ħruġ tal-Mandat[20];

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex ma iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[21], u biżżejjed tkun waħda verbali[22]. Biex ma jseħħx l-effett tal-kundanna tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12, min ikun ħareġ Mandat irid juri (i) li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, jew (ii) li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma nħareġ kien talab lill-parti li kontriha nħareġ dak l-att biex tħallas jew tagħti garanzija, jew (iii) li kien hemm raġuni ta' urġenza għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li jkun[23]. Jibqa' dejjem fl-għażla tal-Qorti jekk, minkejja li l-eżekutant jonqos li jissoddisfa l-ħtiġiet hawn fuq imsemmija, tikkundannax lill-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali

---

[18] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[19] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***
[20] Art. 836(8)(b) tal-Kap 12
[21] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[22] P.A. TM **18.9.2002** fl-atti ta-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[23] Ara P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Office Technology Ltd vs J.M. Supplies Co. Ltd.***

xorta waħda: dan jingħad għaliex kliem l-artikolu 836(8) innifsu huwa msawwar fuq il-kelma "tista'", liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni[24];

Illi, fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata wriet li, qabel ma l-eżekutanti ħarġet kontriha l-Mandat attakkat, ma kienet saret l-ebda talba mill-eżekutanti għal-likwidazzjoni jew il-ħlas tad-danni. Għall-kuntrarju, ħareġ mill-atti li l-Mandat attakkat inħareġ tliet xhur wara li l-eżekutata kienet mexxiet bi proċeduri kontra l-eżekutanti. Dwar dan l-ilment, l-eżekutanti ma ressqet l-ebda sottomissjoni u lanqas ma wriet li jew kienet talbet b'xi mod lill-eżekutata tersaq għal-likwidazzjoni jew il-ħlas tal-penali jew l-għoti ta' garanzija tajba, jew li kien hemm raġuni għaliex il-Mandat attakkat kellu jinħareġ b'urġenza;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-fatt waħdu li ma tkunx ingħatat raġuni tajba mill-parti eżekutata għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontra tagħha ma jfissirx li, jekk kemm-il darba tikkonkorri xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tal-istess eżekutata għall-kundanna tal-parti eżekutanti għall-ħlas tal-penali;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, jirriżultaw l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, madankollu, l-Qorti sejra timponi l-anqas somma li l-liġi tippreskrivi;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>it-tielet talba tal-eżekutata dwar l-għoti tal-garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12</u>. Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[25]. Irid ikun hemm

---

[24] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***; u P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Ltd vs Dr Lillian Calleja Cremona***
[25] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[26];

Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[27]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Fil-każ tal-lum, din il-Qorti kienet diġa' ċaħdet talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[28], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat[29]. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

---

[26] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[27] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[28] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[29] P.A. GCD **12.8.2010** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Cachia vs Albert Bonniċi***

Illi l-eżekutata ma semmiet l-ebda raġuni tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tqis jekk għandhiex torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta’ garanzija kif irid l-imsemmi artikolu. F’dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tal-istess eżekutanti huma tajba u għaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ma ssibx li t-tielet talba tal-eżekutata hija waħda mistħoqqa u mhux ser tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-kumpannija eżekutata billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** u ssib li ma ngħatax raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 609/2012;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-kumpannija intimata eżekutanti tħallas lill-kumpannija eżekutata penali fl-ammont ta’ elf mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmi (€1,164.69), għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Tiċħad it-tielet talba** tal-kumpannija eżekutata billi ma ntweriex li hemm raġunijiet biżżejjed biex jitħaddem l-artikolu 838A fil-konfront tal-kumpannija intimata eżekutanti; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------